# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# ONOR. MHALLEF
# JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar il-Hamis 26 ta' April, 2018**

**Rikors Numru : 22/2018 JPG**

**Kawza Numru : 20**

**Bank Of Valletta p.l.c (C2833)**

**Vs**

**Josef Zammit (K.I. numru 324286(M))**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ta' Bank of Valletta p.l.c datat 9 ta' Jannar 2018, a fol 1 et seqq. li jaqra hekk:

*Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fi tmin kuntratti datati, wiehed minnhom 26 ta' Gunju 2009, in atti Nutar Dottor Sam Abela (Dok. "A"), tnejn ohra datati 11 ta' Frar 2010 in atti Nutar Dottor Naomi Mugliette (Dok "B" u "C"), iehor datat 29 ta' Novembru 2011 in atti Nutar Dottor Anthony Abela (Dok "D"), iehor datat 17 ta' Frar 2012 in atti Nutar Dottor Anthony Abela (Dok. "E"), tnejn ohra datati 13 ta' Awwissu 2012 in atti Nutar Dottor Anthony Abela (Dok. "F" u "G") u iehor datat 13 ta' Novembru 2013 in atti Nutar Dottor Anthony*

*Abela (Dok "H"), kif ukoll permezz ta' skrittura privatat datata 25 ta' Gunju 2012 (Dok. "I"), is-socjeta' attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Josef Zammit;*

*Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-konvenut Josef Zammit fis-somma ta' mija u disgha u hamsin elf, tmin mija u wiehed u sittin Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€159,861.47) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Josef Zammit mal- Bank of Valletta p.l.c (Dok. "J1 sa J3, Dok. "K1 sa K2", Dok. "L1 sa L3", Dol. "M1 sa M2", Dok. "N1 sa N2" u Dok. "O1 sa O5") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' Dicembru 2017 sad-data tal-effettiv pagament;*

*Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskrittura privata fuq imsemmija (u hawn ezebiti bhala Dokument "A" da Dok "I"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Josef Zammit:*

*(a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skrittura (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratti u skrittura sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Josef Zammit li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.*

*Illi l-attrici nomine taf bil-fatti fuq imsemmija personalment.*

*Illi l-konvenut Josef Zammit gie interpellat permezz ta' ittra ufficjali datata 6 ta' Settembru 2017, li kopja taghha qed tigi hawn ezibita u immarkata Dok 'P' sabiex jithallas id-dejn fuq ismemmi, izda huwa baqa' inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghid il-konvenut ghaliex m'Ghandhiex Din il-Qorti Tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici li qeghda hawn titlob li Din il-Qorti Joghgobha:*

*Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u l-iskrittura privata fuq imsemmija (u hawn ezebiti bhala Dokument "A" sa Dok "I") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Josef Zammit (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skrittura, (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratti u skrittura sopraindikati, u/jew, (c)*

*hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Josef Zammit li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici, u*

*Tikkundanna lil Josef Zammit ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u disgha u hamsin elf, tmin mija u wiehed u sittin Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€159,861.47) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Josef Zammit mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "J1 sa J3", Dok "K1 sa K2", Dok. "L1 sa L3", Dol. "M1 sa M2", Dok "N1 sa N2" u Dok. "O1 sa O5") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' Dicembru 2017 sad-data tal-effettiv pagament.*

*Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 6 ta' Settembru 2017 kontra l-konvenut li hu ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi.

Rat in-nota tal-intimat Josef Zammit, ID 324286M, datat 2 ta' Marzu 2018 li permezz taghha ammetta t-talbiet tal- Bank Attur, Bank Of Valletta p.l.c, kif gew edotti fir-rikors promitur. (Vide fol 128)

Rat in-nota tas-socjeta attrici datata 16 ta' Marzu 2018, li biha irriduciet il-pretensjoni taghha ghas-somma ta' mija u disa' u hamsin elf, seba mija u hames Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€159,705.75) flimkien mal- imghax legali mill- 14 ta' Marzu 2018 sal-jum tal-effettiv pagament stante depositi li saru fil-mori ta' din il-kawza. (Vide fol 133)

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat;**

**Graziella Perrone** xehdet a fol 131A *et seqq* illi l-intimat kien ha facilita ta' self mis-socjeta rikorrenti sabiex jibni l-proprjeta tieghu, u facilita ohra sabiex jirranga gewwa, kif ukoll erba' *business loans*. Spjegat li inizjalment l-imghax kien fl-ammont ta' 3.15%, izda mbaghad ghola ghal 4.65% peress li beda ma jhallasx regolarment, sabiex finalment ghola ghal 8% mad-data tal-

*call in letter* tal-10 ta' April 2017. Rigward il-*home loans* xehdet li dawn bdew b'rata ta' imghax ta' 3.275%, li gholiet ghal 4.65% peress li ma kienx qed ihalles regolarment, imbaghad gholiet ghal 8% meta ntbaghtet il-*call in letter* fl-10 ta' April 2017. Xehdet li fil-mori tal-kawza sar pagament €980.

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti rat illi l-intimat ammetta permezz ta' nota datat 2 ta' Marzu 2018 it-talbiet tas-socjeta rikorrenti kif dedotti fir-rikors guramentat taghha. Rat ukoll illi permezz ta' nota datata 16 ta' Marzu 2018, is-socjeta rikorrenti irriduciet il-pretensjoni taghha ghas-somma ta' mija u disa' u hamsin elf, seba mija u hames Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€159,705.75) flimkien mal-imghax legali mill-14 ta' Marzu 2018 u dan stante li saru xi pagamenti waqt il-mori tal-kawza. Il-Qorti tqis ghalhekk illi it-talbiet tas-socjeta rikorrenti, hekk kif ridotti permezz ta' din in-nota, ghandhom jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, in vista tan-nota ta' ammissjoni tal-intimat, u n-nota ta' riduzzjoni tas-socjeta rikorrenti:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u l-iskrittura privata tal-25 ta' Gunju 2012;

2. Tilqa' in parte in tieni talba u tikkundanna lil Josef Zammit ihallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' mija u disa' u hamsin elf, seba mija u hames Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€159,705.75), bl-imghax legali dekoribbli mill-14 ta' Marzu 2018 sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez kollha huma a karigu tal-intimat.

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**